MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 221/2007/1

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 221/2007 fl-ismijiet:**

**Maria Theresa Saliba *pro et noe***

**vs**

**Alfred Saliba**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent Alfred Saliba datat 26 ta' Settembru 2007.

Rat ir-risposta ta' l-intimata Maria Theresa Saliba *pro et noe* datata 23 t'Ottubru 2007.

Rat il-verbal tal-25 t'Ottubru 2007 fejn id-difensuri prezenti qablu li l-Mandat ta' Sekwestru ghandu jkun effettiv ghall-ammont indikat fl-ewwel talba ta' dan ir-rikors u Lm50 fix-

xahar, li jigu Lm240 fix-xahar li ghandhom jintbaghtu mill-*employer* lill-intimata Maria Theresa Saliba illum Thorne u l-bqija tal-paga tar-rikorrenti Saliba jinghata lilu.

Dawn il-Lm50 fuq indikati ghandhom jibqghu jitnaqqsu sakemm jigi saldat l-ammont indikat fis-Sekwestru 221/07.

Id-difensuri jaqblu wkoll li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti ghalhekk tilqa' l-ewwel talba u t-tieni talba fis-sens kif miftiehem bejn il-partijiet, b'dan li s-somma ta' mitejn u erbghin Liri Maltin (Lm240) [hames mija u disgha u hamsin Ewro u hames centezmi ta’ l-Ewro (€559.05)] kif fuq indikata fil-ftehim bejn il-partijiet hawn verballizzat (li ghandu jifforma parti minn dan id-digriet), ghandu jigi mibghut mill-*employer* lill-intimata Maria Theresa Thorne gia Saliba kull xahar u l-bqija tal-paga tigi moghtija jew rilaxxjata lir-rikorrenti Alfred Saliba.  Iz-zieda ta' hamsin Liri Maltin (Lm50) [mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu ta’ l-Ewro (€116.47)] li mhix inkluza fl-ewwel talba ghandha titnaqqas sakemm jigi saldat il-kreditu tal-Mandat ta' Sekwestru 221/07 mertu tar-rikors odjern u ghandha ssir notifika ta' dan id-digriet u l-verbal lill-Ministeru tat-Turizmu, lit-Tezor u lill-Banek u tali notifiki a spejjez tar-rikorrenti.

Mill-bqija spejjez ta' taxxa jibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------